REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 972/2008

tat-3 ta' Ottubru 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 341/2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 134 u 148(a) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skond il-Kapitolu II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 [2], l-applikazzjonijiet għal-liċenzja "A" għandhom jiġu ppreżentati f'April, Lulju, Ottubru u Jannar ta' kull sena, u liċenzji "A" huma validi biss għas-subperjodu li għalih inħarġu.

(2) Skond Ftehim li sar f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina skond l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 għall-modifikazzjoni ta' konċessjonijiet dwar it-tewm previst fl-Iskeda CXL annessa mal-GATT [3], approvat b'Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/404/KE [4], il-perjodu tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni għandu jkun diviż f'erba' subperjodi.

(3) Sabiex tkun provduta aktar flessibilità lill-importaturi, il-perjodu li fih huma jistgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet għal-liċenzji "A" għandu jibda sitt ġimgħat qabel.

(4) Sabiex ikun żgurat li jiġu allokati mill-ġdid kemm jista' jkun liċenzji ta' importazzjoni mhux użati jew oħrajn użati parzjalment, il-kwantitajiet, inklużi l-prospetti nulli, koperti b'liċenzji ta' importazzjoni mhux użati jew użati parzjalment u li jikkorrisspondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu, għandhom jiġu nnotifikati sal-aħħar ta' Novembru għall-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien. Notifiki maħruġa aktar tard jaqdu biss skopijiet statistiċi, b'hekk notifika waħda fl-aħħar ta' Lulju għandha tkun biżżejjed għal kwantitajiet bħal dawn.

(5) Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1084/95 tal-15 ta' Mejju 1995 li jabolixxi l-miżura protettiva li tapplika għall-importazzjonijiet tat-tewm li ġej mit-Tajwan u li jibdilha b'ċertifikat tal-oriġini [5], ikun hemm bżonn ta' ċertifikat tal-oriġini għall-importazzjoni tat-tewm mit-Tajwan. Jipprovdi proċedura simili għal dik stipulata fil-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 341/207 għal tewm minn ċerti oriġini oħra. Fl-interess tas-simplifikazzjoni u l-leġibilità leġiżlattiva, ikun f'loku li jitniżżlu f'post wieħed il-pajjiżi kollha li għalihom jinħtieġ ċertifikat ta' oriġini għat-tewm. Għalhekk, it-Tajwan għandu jiżdied mal-lista ta' pajjiżi fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 341/2007 li għalih huwa applikat il-Kapitolu IV ta' dak ir-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 1084/95 għandu għalhekk jiġi rrevokat.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-impurtaturi għandhom jippreżentaw l-applikazzjonijiet għall-liċenzji 'A' matul l-ewwel ħamest ijiem tax-xogħol wara l-15 ta' Frar għall-ewwel subperjodu (minn Ġunju sa Awwissu), wara l-15 ta' Mejju (minn Settembru sa Novembru) għat-tieni subperjodu wara l-15 ta' Awwissu (minn Diċembru sa Frar) għat-tielet subperjodu wara l-15 ta' Novembru għar-raba' subperjodu (minn Marzu sa Mejju)."

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12.
[3] ĠU L 142, 29.5.2001, p. 8.
[4] ĠU L 142, 29.5.2001, p. 7.
[5] ĠU L 109, 16.5.1995, p. 1.

(2) Fl-Artikolu 12(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"Sal-aħħar ta' kull xahar kif imsemmi fl-Artikolu 10(1), l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet f'kilogrammi, inklużi l-prospetti nulli, li għalihom ġew ippreżentati applikazzjonijiet għal liċenzji 'A' fir-rigward tas-subperjodu rilevanti.

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jagħtu notifika tat-tagħrif imsemmi f'punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament sa:

(a) l-aħħar ta' Novembru għall-kwantitajiet li fuqhom ikun hemm tagħrif disponibbli sa dik id-data; u

(b) l-aħħar ta' Lulju għall-kumplament tal-kwantitajiet fil-kwota tariffarja tal-importazzjoni għall-perjodu kkonċernat".

(3) L-Anness IV għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1084/95 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Novembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS IV

Lista ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikoli 15, 16 u 17

L-Iran

Il-Libanu

Il-Malasja

It-Tajwan

L-Emirati Għarab Magħquda

Il-Vjetnam."
